Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Numru. 663/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Fabrizio Cuschieri ta' 23 sena imwieled Pieta', nhar it-28 ta' Mejju 1989, bin Angelo k\a Gino u Helen nee' Zarb residenti 5, Dar il-Horza, Attard u detentur tal-karta ta'l-identita' 250189(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputat Fabrizio Cuschieri gie akkuzat talli nhar it-28 ta' Marzu 2010 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14.40Hrs) gewwa Triq il-Mehriez, Attard volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fuq vettura ta'l-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni LOR213 ghad-dannu ta' Alfred u Lourdes Mizzi, liema hsara tammonta ghal-valur li ma jiskorriex l-

elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu. (116.47)

Rat id-dokumenti esbieti,
Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tas-06 ta' Mejju 2010 sabiex dina l-kawza tigi ittratata bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat qed jigi akkuzat li ikkaguna hsara volontarja fuq il-vettura proprjeta ta' Alfred u Lourdes Mizzi, liema hsara ma teccediex l-€1164.69. Illi l-imputat mhux qed jikkontesta il-fatt illi huwa ikkaguna hsara fuq il-vettura tal-parti leza, izda jikkontendi illi parti mil-hsarat u cioe'il-hsara li hemm fil-*windscreen* ta' dina l-vettura ma gewx ikkagunati minnu. Jammetti biss illi huwa ta xi daqqiet fuq il-*bonnet* tal-vettura in kwistjoni u ghalhekk ghandu iwiegeb ghal dik il-hsara biss.

Illi fuq il-fattispecje ta' dana il-kaz ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni hlief ghal dik il-parti li tirrigwarda il-hsarat li jirreferu ghal *windscreen* tal-vettura. Jidher illi bejn il-familja ta'l-imputat u dik tal-parti leza hemm certu animosita' u dana minhabba xi incident li kien inqala' xi snin ilu rigward rapport li kien ghamel il-parti leza kontra l-imputat in konnessjoni ma' daqq ta' stereo. Illi fil-jum ta' dana l-incident jidher illi l-imputat osserva lil parti leza Alfred Mizzi jitfa' xi bzieq fuq il-vettura tieghu. Mizzi dana jikkonfermah, izda ighid illi ma ghamlux appozitament izda sehh accidentalment. Mizzi fil-fatt ighid illi huwa mar u mesah dana il-bzieq. Izda xortwahda inqala' argument bejniethom. Jidher illi f'hin minnhom l-imputat bir-rabbja ta xi daqqiet ta' ponn fuq il-bonnet tal-vettura ta'mart Mizzi, Lourdes. Minn hawn 'il quddiem ma hemmx qbil bejn il-partijiet ghaliex filwaqt illi Mizzi isostni illi ra lill-imputat

jaghti is-salt u jitlaq jigri ghal fuq il-vettura tieghu, l-imputat dan jinnegah. Mizzi madankollu ighid illi minhabba f'dina l-azzjoni minn naha ta'l-imputat spicca biex ixxaqqet il-*windscreen* tal-vettura. Meta huwa jaghmel rapport lill-pulizija u jiehu il-vettura biex tigi ezaminata u fotografata mill-pulizija, jirrizulta illi fuq il-*bonnet* u il-*windscreen* tal-vettura hemm marki tal-qiegh ta' zarbun.[1]
Illi l-imputat jigi interrogat mil-pulizija, u ghalkemm ighid lill-pulizija illi kien ghadu libes l-istess zarbun, madanakollu ghal xi raguni inspjegabbli dana iz-zarbun ma jigix elevat u ghalhekk ikun impossibbli li isiru ezamijiet komparattivi sabiex jigi stabbilit jekk il-marki li irrizultaw fuq il-vettura ta' Mizzi, humiex l-istess bhall-marka ta' sieq l-imputat. Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet differenti u ghalkemm l-imputat jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, madanakollu huwa jichad kategorikament fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija illi huwa tela jigri fuq il-*bonnet* u li kisser il-*windscreen* tal-vettura.

Illi minn ezami akkurat tal-provi indizzjarji jirrizulta illi l-incident mertu ta' dina l-kawza sehh ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar. L-parti leza Alfred Mizzi ghamel rapport fl-ghassa tal-pulizija fit-tlieta u hamsa ta' wara nofs in-nhar u cioe' madwar nofs siegha wara.[2] Dana ifisser illi Mizzi mar l-ghassa jaghmel ir-rapport immedjatament wara li sehh l-incident. L-imputat jigi mitlub jiehu l-vettura tieghu hdejn l-ghassa tal-pulizija, fejn hemmhekk il-pulizija josservaw illi din kellha diversi daqqiet fuq il-*bonnet*, qasma fil-*windscreen*, kif ukoll is-*shoe marks*. Ma jidhirx illi qabel sehh l-incident il-*windscreen* kient imkissra u kien hemm dawn il-marki taz-zarbun fuqha. Dana jikkonfermawh il-konjugi Mizzi. Inoltre l-imputat ma isemmiex fl-istqarrija tieghu li osserva li l-vettura kellha xi hsarat. Inoltre dejjem fl-istqarrija, l-imputat ighid illi ikkonfronta lil Mizzi meta rah qed jobzoq fuq il-vettura tieghu u insista mieghu li jimshu u Mizzi hekk ghamel, izda ghal xi raguni jew ohra baqghu jillitikaw. Waqt dana l-argument l-imputat jammetti illi ta daqqa fuq

---

[1] Ara ritratti Dokument EC a fol.45
[2] Ara rapport Dokument LM1 a fol. 36

il-bonnet tal-karozza bir-rabbja li kellu. Meta mistoqsi jekk tax daqqa wahda jew tnejn, huwa iwegeb:

"**U jiena naf xi tnejn tajtu, imma jien naf kelli fixkla dak il-hin**." Imbaghad minghajr ma jigi mistoqsi isemmi xi gebla tal-bricks illi qabad b'idejh u ighid: "**din kont ha mmur ghalih biha imma ma waddabtiex, imma ergajt armejtha 'l hemm. Jiena qbattha biex inbezzghu. Fil-fatt hu telaq jigri u dahal fil-parapett.**" Dana jindika car kemm kien irrabjat l-imputat tant illi kien anke bi hsiebu jitfa' gebla tal-bricks fid-direzzjoni ta' Mizzi. L-parti leza fil-fatt ighid illi kien fil-parapett meta osserva lill-imputat jitla' fuq i-vettura tieghu u jaghmel il-hsara fil-*windscreen*. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi l-hsara ikkagjonata fuq il-windscreen tal-vettura tal-parti elza ma setghet tigi ikkagunata minn hadd hlief l-imputat. Din l-hsara ma kenitx tezisti qabel l-incident u ma jaghmilx sens illi kien Mizzi li telgha bil-wieqfa fuq il-vettura tieghu stess biex imbaghad jaddossa dawn il-hsarat lill-imputat. Il-vettura kienet ipparkeggjata fit-triq u li kieku Mizzi ghamel dan, zgur li l-imputat jew il-familjari tieghu li jidher illi harrgu barra ukoll waqt dana l-incident, kienu josservah. Jidher bla ebda dubbju li ma hemmx raguni ohra plawsibbli ta' kif setghu wasslu il-hsarat u il-passi taz-zarbun fuq il-vettura ta' Mizzi jekk mhux mill-imputat li *del resto* jammetti huwa stess li kien mifxul u irrabjat ma' Mizzi. Lanqas ma tista tifhem il-Qorti 'il ghala l-imputat ma telaqx 'l hemm wara li Mizzi mesahlu il-bzieq li kellu fuq il-vettura tieghu kif tallbu jaghmel u minflok ghazel li ikompli jargumenta mieghu u appozitament jaghmel il-hsara fuq il-vettura ta' Mizzi.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* tal-hsara jidher illi dawn jammontaw ghal €743.94 u dana kif jirrizulta mid-Dokument LM u mix-xhieda ta' Vincent Sladden li ikkonferma id-Dokument bhala wiehed mahrug mil-Waldorf Auto Service Centre. Dina l-istima hija kompatibbli mal-hsarat li kellha il-vettura dak in-nhar wara l-incident.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali kwazi nadifa ta'l-imputat. Madanakollu hija tal-fehma illi piena

karcerarja effettiva f'dana il-kaz ma tkunx idonja billi dina tista' twassal biss biex jinholoq antagonizmu ikbar bejn il-partijiet. Il-Qorti tittama illi bhala girien, l-partijiet jasslu biex jissorvolaw id-divergenzi ta' bejniethom u jitghallmu ighixu fil-paci ma' xulxin.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-akkuza, tikkundannah ghal perijodu ta' hames xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina is-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati ihallas lill-parti leza Alfred u Lourdes Mizzi s-somma ta' €743.94 u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------